MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 1056/2005

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1429/05 mahrug**
**fl-14 ta' Settembru, 2005 fl-ismijiet:**

**Joseph Borg (ID 281440M) u Josephine, Jennifer u Charlotte**
**ahwa Borg**

**Vs**

**Diomede sive Amadeo Cassar ID 17355(M)**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-att tar-rikors** ta’ Amadeo Cassar li permezz tieghu ippremetta illi:

1. Illi fl-14 ta’ Settembru 2005, l-imsemmija intimati Joseph Borg u Josephine, Jennifer u Charlotte ahwa Borg talbu u ottjenew il-hrug minn dina l-Onorabbli Qorti tal-mandat fl-ismijiet premessi in kawtela tal-kreditu, minnhom vantati kontra l-esponent ta’ elf u disa’ mitt Liri Maltin (Lm1,900).

2. Illi r-rikorrent gie a konjizzjoni ta’ tali Mandat unikament wara li gie infurmat meta inghata l-hlas mensili tieghu, u, sad-data ta’ llum ghadu ma giex notifikat bil-Mandat per se.

3. Illi l-kawzali ta’ dan il-mandat gie indikat mill-imsemmija intimati bhala “*kumpens ghal l-okkupazzjoni ... liema pretensjoni hija dedotta f’kawza fl-istess ismijiet (Citaz 1243/95GCD), liema kawza tinstab pendenti fil-Qorti ta’ l-Appell.”*

4. Illi s-sentenza msemmija mill-intimati, li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata DOK. AC1, tikkundanna lir-rikkorrent sabiex ihallas lil l-intimat is-somma ta’ mija u sittin Liri Maltin, sitta u tletin centezmu (Lm960.36) filwaqt illi l-ispejjez gudizzjarji jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru nhareg issa, ossia madwar ghaxar snin wara li giet intavolata l-kawza mertu ta’ l-appell, unikament in vista tal-fatt illi r-rikorrent rebah kawza kontra l-intimati, minn liema kawza l-intimati ma appellawx, u r-rikorrent, fil-11 ta’ Awissu, 2005, kien kiteb sabiex jigbor dak li haqqu ai termini tas-sentenza moghtija – kopja ta’ l-ittra qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok AC2;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, permezz ta' cedola nru 902/2005, minghajr ma gew interpellati sabiex jaghmluh, l-intimati ddepozitaw l-ammont mitlub fl-ittra hawn fuq indikata (Dok AC2), u ssekwestraw dawn il-flejjes permezz tal-Mandat mertu tar-rikors odjern;

7. Illi, apparti minn hekk, kif jidher fl-anness ittra mahruga mill-APS Bank, Dok AC3, somma ta' Lm1,944 giet blokkata bhala rizultat tal-Mandat ta' Sekwestru mertu tar-rikors odjern. L-istess jghodd ghall-paga tar-rikorrent kif ukoll flejjes ohra tar-rikorrent iddepozitat fl-HSBC;

8. Illi r-rikorrent jikkontendi illi qatt ma kien hemm cirkostanzi illi setghu jaghtu lok ghal dubju ragonevoli dwar il-qaghda finanzjarja tieghu, tant illi l-Mandat ta' Sekwestru odjern inhareg biss wara li l-intimati ntalbu jhallsu mir-rikorrent dak dovut minnhom skond sentenza finali;

9. Illi, apparti minn hekk, ir-rikkorrent jikkontendi illi ma huwiex ragonevoli illi jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu meta s-sorte akkordat lilhom fis-sentenza appellata jammonta ghal ftit anqas minn Lm1,000 u l-intimati ddepozitaw ftit anqas minn Lm1,300 fil-Qorti u hargu Mandat illi zamm ferm oltre kemm is-somma lilhom originalment akkordata u dik minnhom mitluba fil-Mandat odjern.

10. Li ghal din ir-raguni hemm lok ghar-revoka tal-mandat fuq imsemmi a tenur ta' l-Artikolu 836(c), (d), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-ammont kawtelat fil-mandat huwa ovvjament eccessiv u m'huwiex *prima facie* gustifikat.

11. Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghobha tirrevoka, in toto jew in parti, il-mandat ta' sekwestru numru 1429/05 fuq imsemmi a tenur ta' l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-**risposta ta' l-intimati** a fol. 23 tal-process fejn gie sottomess;

Illi preliminarjament l-irritwalita’ ta’ dan ir-rikors stante illi rikors ghar-revoka tal-mandat odjern kellu jigi ntavolat fl-atti ta’ l-appell Citaz. Nru. 1243/95 GCD u dan kif jiddisponi l-artikolu 836(1) tal-Kap.12.

Illi permezz ta’ sentenza tal-5 ta’ Mejju 2004 (Citaz. Nru.1243/95GCD), il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onor. Imhallef G. Caruana Demajo kkundannat lir-rikorrent Cassar ihallas lil l-esponent is-somma ta’ Lm960.36 u nofs l-spejjez ta’ dawk il-proceduri.

Illi l-esponent intavola appell minn dik is-sentenza ghaliex, skond hu, l-pretensjoni tieghu tlahhaq is-somma ta’ madwar Lm1,900 minghajr ma wiehed iqis l-ispejjez gudizzjarji.

Illi l-esponent ghandu kull drit skond il-ligi li jikkawtela din il-pretensjoni tieghu u l-fatt illi l-mandat odjern gie intavolat biss meta l-pendenza tinsab fi stadju ta’ appell ma tfisser xejn kuntrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrent ghaliex m’hemm xejn fil-ligi illi tghid li dan ma jistax isir jew li mandat ma jistax jigi pprezentat wara numru ta’ snin wara li jigu inizzjati l-proceduri.

Illi fir-rikors tieghu, ir-rikorrenti qieghed jissottometti illi qatt ma kien hemm cirkostanzi li setghu jaghtu lok ghal dubju dwar il-qaghda finanzjarja tieghu.  Ghal kuntrarju l-esponenti jissottometti illi li kieku ma pprezentax dan il-mandat odjern il-prospetti tieghu illi jithallas il-Lm960.36 jew somma akbar skond kif tiddeciedi l-Qorti ta’ l-Appell huma minimi ghal l-ahhar.  Jigi enfasizzat illi l-esponent sahansitra sab diffikulta’ kbira li jinnotifika lir-rikorrent Cassar bir-rikors ta’ appell tieghu ghaliex fl-indirizz fejn suppost jghix Cassar qatt ma jirrispondi hadd nonostante diversi tentattivi da parti tal-marixxall inkarigat min-notifika ta’ l-appell.  Kien ukoll dan il-fatt illi nkwieta lil l-esponent illi una volta terminati l-proceduri hawn fuq citati ser tkun difficli ghalih li jottjeni l-hlas dovut lilu skond is-sentenza relattiva.

Illi l-esponent ghalhekk sab ruhu f’pozizzjoni fejn gie interpellat mir-rikorrent ihallas Lm1,251 (skond sentenza ohra li saret finali) meta huwa l-esponent li huwa wkoll kreditur tar-rikorrent f’somma akbar. Kwindi li kieku l-esponent hallas din is-somma u ma pprezentax il-mandat odjern kien isib ruhu f’sitwazzjoni fejn, meta jigi deciz l-appell hawn fuq imsemmi, la jkun jista’ jirkupra lura dawn l-Lm1,251 u lanqas jithallas dak dovut lilu il-fuq minn din is-somma skond is-sentenza eventwali tal-Qorti ta’ l-Appell.

Illi, madanakollu l-esponent huwa interessat biss illi jkun ikkawtelat ghas-somma ta’ madwar Lm1,900, apparti rizerva dwar l-ispejjez gudizzjarji. Jekk bis-sahha ta’ dan il-mandat ta’ sekwestru odjern inqabdu aktar flus minn hekk, l-esponent m’ghandux oggezzjoni illi l-mandat odjern jigi limitat.

Rat l-atti kollha tal-mandat;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka, in toto jew in parti, tal-mandat ta’ sekwestru numru 1429/05 fuq imsemmi a tenur ta’ l-artikolu 836(c)(d)(e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-intimati wiegbu ghat-talba tar-rikorrent u qalu li dina l-Qorti mhiex kompetenti li tiehu konjizzjoni ta’ dana r-rikors billi dan suppost kellu jsir quddiem il-Qorti ta’ l-Appell.

Il-Qorti tirrileva li skond l-artikolu 836 tal-Kap 12 l-intimat li kontrih jkun inhareg att kawtelatorju jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu. Fil-kaz in ezami l-appell ta’ l-intimati ghadu mhux appuntat u ghalhekk l-kawza ghadha mhux qed tigi trattata quddiem

il-Qorti ta' l-Appell konsegwentement hija dina l-Qorti li harget il-mandat li ghandha tisma dana r-rikors (ara Eliza Co Ltd vs A. Portelli et App 30/11/2004).

Ir-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu fuq is-subartikoli (c,d,e, u f) ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12. Dawn jipprovdu li l-mandat ghandu jigi revokat jekk:

(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas ssodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew

(*d*) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv; jew

(*e*) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed;

(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli"

Li gara f'dan il-kaz kien li l-intimati gew kanonizzati fis-somma ta' Lm960.36 skond sentenza ezibita a fol 3, minn liema sentenza huma appellaw billi ppretendew li somma likwidata kellha tkun akbar. Min naha l-ohra r-rikorrent kellu kreditu kontra l-intimati fl-ammont ta' Lm1,251 skond sentenza 1500/93GCD liema kopja ta' sentenza pero' ma gietx ezibita. L-intimati ghalhekk biex jikkawtelaw il-kreditu taghhom ta' Lm960.36 hargu sekwestru (li wkoll ma giex ezibit) fuq l-ammont ta' Lm1,251 li huma ddepozitaw b'cedola liema somma kellha tkun biex tissodisfa l-kreditu tar-rikorrent. L-intimati ikkawtelaw l-kreditu taghhom fl-ammont ta' Lm1,900 u mhux ghal Lm960 billi qed jippretendu li ghandhom jiehdu aktar minn dak li akkordatilhom l-ewwel Qorti.

Inoltre skond id-dokument a fol 10 ir-rikorrent gie infurmat mill bank APS li s-somma ta’ Lm1,944.15 giet imblokkata f’kont li huwa ghandu maghhom.

L-intimati qed jissottomettu li da parti taghhom huma interessati biss illi tkun kawtelata s-somma ta’ madwar Lm1,900, apparti rizerva dwar l-ispejjez gudizzjarji u jekk bis-sahha ta’ dan il-mandat ta’ sekwestru odjern inqabdu aktar flus minn hekk, huma m’ghandhomx oggezzjoni illi l-mandat odjern jigi limitat.

Illi dwar x’inqabdu flus il-Qorti m’ghandiex a disposizzjoni taghha s-sekwestru li nhareg u f’idejn min aktar inhareg, hlief ghall l-APS (ma gietx ezibita kopja tal-mandat). Jidher mill-atti akkwiziti almenu li f’dan il-kaz lir-rikorrent gew sekwestrati l-ammont ta’ Lm1,251 li l-intimati ddepozitawlu l-Qorti u li hu kellu jiehu u l-ammont ta’ Lm1,944.15 li gew sekwestrati fil-APS. Ghalhekk jigi li ghal Lm960 l-intimati ssekwestraw is-somma ta’ Lm3,195.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-pretensjoni ta’ l-intimati hija kawtelata oltre milli suppost ghalhekk l-effetti tal-mandat ghandhom jigu limitati ghal flus li gew sekwestrati fl-ammont ta’ Lm1,251 li gew depozitati il-Qorti bic-cedola.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara li l-effett ta’ dan il-mandat ghandu jkun limitat ghas-somma ta’ Lm1,251 li jinsabu depozitati l-Qorti b’cedola,
u l-flus maqbuda fl-APS Bank jew banek ohra ghandhom jigu sblokkati jew rilaxxjati.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------